**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 24 – IT-TLIETA 10 TA' LULJU 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Janet Barthet | Membru |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 23**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Frank Bartolo issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Saret diskussjoni rigward Triq iċ-Ċawl. Is-Sur Frank Bartolo ippropona li ssir il-bankina f'din it-triq peress li m'hemmx waħda. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-*Works Division* u jitħallas il-materjal flimkien ma' 30 fil-mija tal-pagi tal-ħaddiema. Is-Sur Robert Vella Bonnici issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sur Frank Bartolo informa lill-kumitat li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqa' ma' rappreżentanti ta' TM rigward l-implimentazzjoni tal-*One Way* fi Triq il-Gardell. Għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni minn TM għar-residenti.

2.3 Ġiet diskussa t-talba biex isir *parking* fil-parti l-wiesgħa tal-bankina fi Triq tas-Sliema. Għandu jiġi ikkonsultat il-Perit tal-Kunsill.

2.4 Ġiet diskussa t-talba biex isiru aktar *Sleeping Policemen* fi Triq Antonio Schembri. Il-kumitat ma qabilx ma' din it-talba minħabba li m'humiex is-soluzzjoni għal din il-problema.

2.5 Saret diskussjoni rigward it-talba tal-*Vegimania* lil TM biex issir *Loading and Unloading* fi Triq Birkirkara. Għandha ssir ittra lil TM biex tiġi stabbilita jekk il-linji li hemm bħalissa humiex awtorizzati minnhom jew le.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Is-Sinjorina Janet Barthet ipproponiet li jsiru *embellishments* fi Ġnien G M Camilleri. Kien hemm diskussjoni u ġie deċiż li s-Sinjorina Barthet tiġi bi proposti u stimi fil-laqgħa li jmiss.

3.2 Is-Sur Robert Vella Bonnici talab biex jitneħħew il-palmi li kibru taħt il-bankina fi Triq il-Virdun.

3.3 Is-Sur Alfred Mangion talab biex issir *query* rigward l-istemma tal-Kappara u ilmenta li għad hemm *heavy vehicles* ipparkjati fil-Kappara minkejja t-tabelli li twaħħlu. Il-Kumitat awtorizzah li jikteb lill-pulizija rigward din is-sitwazzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Awwissu 2012 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**